# WIĠI ROSATO

## L-ewwel Drammaturgu Malti (1795-1872)

*Kitba ta' Mario Attard*

Wiġi Rosato twieled f'Bormla minn ġenituri Bormliżi fis-16 ta' Novembru 1795 u tgħammed il-għada. Missieru kienu jismu Francesco u ommu Fortunata li kunjom xbubitha kien Borg u mhux Fenech kif inhuwa popolarment imniżżel. Dawn iżżewġu fil-parroċċa ta' Bormla nhar il-5 ta' Ottubru 1793; żewwiġhom Dun Pawl Rosato (l-istess qassis li sentejn wara għammed lil Wiġi). Minn riċerka li għamilt fl-Arkivji tal- Parrokjali ta' Bormla - Reg. Bapt. X, p.170 - u bil-għajnuna ta' l-Arċipriet tal-Belt Cospicua, il-Kanonku Joe Mifsud, sibt li l-kunjom Fenech kien ta' Eugenia (omm Fortunata u n-nanna ta' Wiġi) qabel ma żżewġet lit-tabib Borg. Il-parrini ta' Wiġi Rosato kienu Dun Pawlu Rosato li għammed lil Wiġi u li kien qaribu, kif ukoll Evangelista Abela. L-ismijiet li ngħata kienu Aloysius (sive Wiġi), Joacchim (għan-nannu ta' Fortunata), Paul (għall-parrinu), Gregory u Salvatore (għal wieħed mix-xhieda tat-tieġ tal-ġenituri ta' Wiġi Rosato jew għan-nannu ta' Wiġi min-naħa tal-missier).

Bis-saħħa tar-Reg. Matrim. Vol. X, p. 163 (fejn jinsab reġistrat iż-żwieġ bejn il-ġenituri ta' Wiġi Rosato), nafu li l-ġenituri ta' Fortunata (imwielda fl-10 ta' April 1775) kienu t-Tabib Francis Borg u Eugenia Fenech, filwaqt li l-ġenituri ta' Francesco Rosato kienu Salvatore u Philippa Formosa. Popolarment ukoll għal xi żmien kien hemm min jaħseb li kien mill-Isla. Wiġi kien bniedem determinat u ma jaqta' qalbu b'xejn.

Wiġi Rosato żżewweġ lil Anna Rebench u għex ġewwa l-Birgu, eżattament f'Nru.41, Triq Sant'Antnin. Id-dar tiegħu kienet tinsab wara t-Torri ta' l-Arloġġ, u kellha l-persjana tħares għal Misraħ ir-Rebħa. Għad li kien Bormliż, kellu ġibda sewwa għall-Birgu. Dan huwa espress b'mod ċar fil-poeżija **Tħejjija għad-Disa' Jum tan-Novena li tibda fl-Ewwel ta' Awissu**. Bis-saħħa tal-poeżija **Birżebbuġa - Tifħir lilha u lin-Nies tagħha minn Wieħed li mar fiha** tista' tagħti l-impressjoni li kellu villeġġatura f'dak il-lokal.

Anthony S. Azzopardi f'**Wiġi Rosato - Missier il-Palk Malti** jirreferi għall-pika ħajja li ken hemm dak iż-żmien bejn l-Isla u l-Birgu. Ta' spiss min-naħa l-waħda u l-oħra kienu



*It-Triq Wiġi Rosato li hija msemmija għalih.*

jidhru karti tas-sitt ħabbiet jinbxu u jniggżu lil naħa jew oħra. Darba wieħed mill-kittieba faħħar lill-Isla u sejħilha Pariġi u maqdar lill-Birgu u sejjaħlu Ġirba. Rosato ħa għalih u ħariġlu **Tweġiba** li mill-istess artiklu ta' Azzopardi nsibu li kien jindika xi ħaġa hekk:

B'liema isem ja Belt glorjuża nista' nfaħħar il-ġieħ tiegħek?
Jekk dal-ġieħ xi ħadd itebba' Inti ssibni dejjem miegħek.

Ġużè Cassar Pullicino jitkeb f'Kitba u Kittieba tal-Malti (p. 160) li l-Kan. Farrugia jiftakar xi versi mit-tnax-il paġna li tifforma din it-Tweġiba li jikkonfermaw li kien jagħmel mal-parroċċa ta' San Lawrenz:

Lejh suġġetti l-Kapuċċini,
Lilu jqimu d-Dumnikani,
Lejh suġġetti n-nies ta' l-Ordni,
Il-Bormliżi u d-Dumnikani.

Kellu talenti akkademiċi, mużikali kif ukoll letterarji li lkoll nistgħu ngħidu li rnexxa fihom. Fil-fatt, Rosato kien surmast ta' l-iskola, drammaturgu u poeta mit-tajbin (fejn ħafna mill-poeżiji tiegħu ntilfu filwaqt li oħrajn jinsabu mxerrdin fil-Biblijoteka ta' Malta, kif ukoll kien kantant fil-knejjes. Kien ukoll direttur ta' teatrin fil-Belt u kien jieħu ħsieb xi għaqdiet teatrali.

Fit-Teatru Rjal sarulu serati ta' ġieħ fis-7 ta' Ġunju 1852, fit-12 ta' Mejju 1858, fit-18 ta' Marzu 1859, fit-30 ta' Mejju 1859 u fit-3 ta' Lulju 1861. Fl-aħħar serata ta' ġieħ li saritlu fit-3 ta' Lulju 1861 fit-Teatro Reale di Malta, saret rappreżentazzjoni traġika bl-isem ta' **Le Glorie di Malta ossia il-Konġura ta' Mustafà Bassà ta' Rodi kontra l-Gran Mastru Emmanuele Pinto u l-Kavallieri ta' l-Ordni Ġerosolmitan**. Dan id-dramm storiku nkiteb minn Pietro Andolfati u huwa orjentat fis-sena 1749.

## PRIM KORIST

Wiġi Rosato kien prim korist fit-Teatru Manoel u kanta wkoll f'opri liriċi:

| | |
|---|---|
| **Il Pellegrino Bianco** (1822) | **Riccardo e Zoraide** (1825) |
| **Bianca e Gernando** (1830) | **Fausta** (1835) |
| **Il Rinnegato** (1836) | **Il Bravo** (1836) |
| **Lucrezia Borgia** (1837) | **Torvaldo e Doriesca** (1837) |
| **L'Italiana in Algieri** (bla data) | **Ines De Castro** (bla data) |
| **La Gazza Ladra** (1839) | **Danao D'Argo** (1839) u |
| **Il Nuovo Figaro** (1846) | |

Fit-tieni volum tal-manuskritt tiegħu **Cronistoria dell'Opera Lirica**, Mikiel Anġ Borg iniżżel għall-ewwel darba l-isem ta' Luigi Rosato fost il-kantanti rġiel għall-istaġun operistiku 1822-23. Dan kien b'konnessjoni ma' **Il Pellegrino Bianco**, *drama per musica* f'żewġ atti ta' Filippo Graziolo. Din kienet it-tielet opra għas-sena 1822 u Rosato kellu l-parti ta' Tomaso. Fost reġistrazzjonijiet oħra li fihom huwa mniżżel Wiġi Rosato għall-istess staġun insibuh marbut ma' La Donna del Lago f'żewġ atti ta' Giacchino Donizetti. Il-parti li ħadem Rosato kienet ta' Bertram. F'Torvaldo u Dorliska ta' Rossini, Rosato kien Ormondo, kap ta' l-armati tad-Duka.

Rosato jżewwaq ħafna mill-pinna letterarja tiegħu mas-sengħa operistika u l-fervur qawwi tagħha li kien hawn f'Malta l-aktar f'dawk iż-żminijiet. Insibuh jikteb erbatax-il kwartina lil Dr Paolo Nani f'serata ta' ġieħ li kienet ittellgħet f'ġieħu fit-12 ta' Mejju 1847. Hekk ukoll iddedika versi oħra lil Marietta Tancioni wara li kien tqabbad minnha stess. F'dan il-każ, ta' min isemmi li l-poeta Bormliż ma ġabx ismu sħiħ imma l-inizjali L.R. Barra minn hekk f'din l-istess poeżija Rosato jesperimenta bil-metru billi mill-kwartini tat-tmienja jaqleb għall-kwartini tal-ħamsa. Kien ukoll tqabbad minn Luigi Bellisario biex jikteb versi **Lill-Maltin** għas-serata tat-2 ta' Awissu 1852.

F'dawn is-serati kienu jittellgħu diversi rappreżentazzjonijiet. Per eżempju, fil-lejla ta' Nani, is-sehem ta' Wiġi Rosato kien **Un Duetto in Maltese** mibnija fuq l-opra **Le Notti per il puntiglio** (Iljieli għall-għoti ta' ġieħ). Kontribut simili seħħ fis-7 ta' Ġunju 1752 meta tella' l-farsa **Għama u bid-Dawl**. Fis-serata ta' ġieħ lit-tenur Pavnani Oliva, Rosato ppreżenta l-farsa **L-Ittra u l-Ħakem**.

Dan kien żmien meta kittieba u ammiraturi tat-teatru kienu jistampaw poeżiji jew taqbiliet *ad unur* artisti barranin li jkunu kantaw f'xi opra mużikali fit-teatri ewlenin tal-Belt. Kienet id-drawwa li qabel dawn l-artisti jħallu Malta kienet issirilhom serata f'ġieħhom u fiha kienu jinqraw dawn il-poeżiji li jfaħħru l-ħila tagħhom, il-qalb kbira tal-Maltin u s-sbuħija ta' Malta. Dawn kienu jkunu bit-Taljan u bil-Malti. Rikkardu Taylor kien ippreżenta karta bilingwali **Al Merito del Signor Lorenzo Delriccio**.

Lil Rosato nsibuh jagħmel l-istess ħaġa għaż-żjara tar-Reġina Adelaide. F'kitba li ħareġ apposta, Luigi Rosato jikteb tmien kwartini bil-vers popolari ddedikati **Lil Camilla Darbois - L-Ewwel Għannejja fit-Teatru ta' Malta** (il-Manoel). Din l-għannejja minn Marsilja ħadet il-fama ta' pjanista u soprano mill-aqwa. Wara l-mewt ta' żewġha fl-1829 bdiet il-karriera teatrali tagħha ġewwa Napli. L-impresarju tal-Manoel, Salvatore Amore stedinha għall-palk tal-Manoel biex fl-1830 kantat għall-ewwel darba f'**L'Esule di Roma** ta' Donizetti. Minn hemm 'il quddiem għal tnax-il sena sħaħ kienet il-Prima Donna tal-Manoel.

Il-versi ta' qima u ġieħ lil Darbois huma mżewġa ma' versi oħra b'indirizz partikulari b'**Il-Miġja fit-Teatru tar-Reġina Adelaide**.

Fiż-żjara rjali tagħha f'Malta lejn tmiem l-1838, ir-Reġina armla Adelaide attendiet għar-rappreżentazzjoni ta' Lucia di Lamermoor fejn Camilla Darbois kienet is-soprano. Din is-serata saret fl-10 ta' Diċembru 1838 (anki jekk fil-librett ta' tifkira li stampa Rosato, bi żball hemm stampat l-annu 1839). Mit-tnax-il sestina bil-vers tat-tmienja nifhmu kemm Rosato kien fidil lejn il-kuruna Ingliża. Dawn il-versi joħorġu deskrizzjoni tal-Belt u tat-teatru li laqgħu lir-Reġina Adelaide. F'demmu Wiġi Rosato kellu inklinazzjoni speċjali għall-mużika - il-fatt li kien jaħdem fit-teatru fl-istaġun ta' l-opri fil-Manoel, jixhed dan, daqs kemm kellu mħabba għall-Malti (li bil-ħruġ tal-poemett drammatiku Catarina). Dan ma jfissirx li Wiġi Rosato kien jaf biss bil-Malti. Fil-fatt, fil-kummiedja bi tliet atti **Il-Konġura ta' l-Erba' Ħotbin** fit-tieni jum tal-Karnival insibu l-Malti fil-parti l-kbira, it-Taljan, l-Ingliż u l-Franċiż.

## DAĦĦAL IL-MALTI FUQ FIT-TEATRU

It-Teatru Manoel kien ideali kemm għall-opra kif ukoll għad-drammi bil-Malti. Dan għaliex fil-bidu tat-tmexxija Ingliża f'Malta, f'dan it-teatru kienu jsiru kemm opri bit-Taljan kif ukoll reċti bil-Malti. Wiġi Rosato fetaħ it-triq għal kittieba lokali tal-palk li ġew warajh. Il-fatt li l-poplu Malti beda jirrikorri għall-palk għamel lid-dramm bħala *medium* popolari. Wara l-1838 (is-sena li fiha ġie ppreżentat id-dramm **Catarina**), jiġifieri minn Rosato 'l hawn, il-palki bdew iwarrdu fil-gżejjer tagħna. Fil-fatt Rosato talla' l-ewwel dramm tiegħu fit-Teatru Manoel fis-16 ta' Ġunju 1838. Dan kien avviżat f'**Il Gazzetta tal-Gvern** ta' tlett ijiem qabel. Hawn insibu li dakinhar kellha ssir rappreżentazzjoni straordinarja bid-dramm Malti **Catarina** (li kien stampat fi ktejjeb fl-1847). Fl-ewwel taqsima daħħal ambjent rustiku fit-truf tas-Siġġiewi, filwaqt li fit-tieni taqsima l-lokal jinbidel u jsir l-Irdum tal-Madliena fejn Għajn Qadi (forsi bejn Burmarrad u l-Għallies fejn tinsab il-qasam art imsejħa Il-Qadi?). Rosato żewwaq l-istorja b'elementi ta' mħabba, imma wera kif is-sens patrijottiku tal-Maltin fi żmien il-Kavallieri kien jissupera bil-qabda kull sentiment ieħor.

Jekk b'**Catarina** daħħal l-ilsien Malti għall-ewwel darba, b'Il-Konġura ta' l-Erba' Ħotbin, Rosato qiegħed lill-Malti ras imb'ras ma' tliet lingwi kbar Ewropej - dan billi din il-kummiedja tinterpreta reċtar bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż. Dan kien pass avangard meta nqisu li f'dawk is-snin (c. 1864) il-Malti kien għadu wisq 'il bogħod mill-għarfien ta' l-identità tiegħu.

Ftit wara Rosato tfaċċa Karmenu Camilleri li kompla għen lill-palk jissaħħaħ bil-kummiedji tiegħu bħal ma huma Tieġ fil-Karnival u Żimina. Fost drammaturgi oħra li ġew wara Rosato nsemmu lil Huber, Fleri, Ġużè Muscat Azzopardi, Kalanġ Borg u Kalċidon Borg. Il-kummiedja tal-bidu kellha xeħta romantika u melodrammatika, u hekk baqgħet sat-tieni gwerra dinjija. Biex inkunu għidna kollox dwar l-andament tal-kummiedja Maltija, insibu lil Ġorġ Pisani li fetaħ ix-xejra soċjali li tmiss ukoll il-problemi psikoloġiċi b'Is-Sengħa ta' l-Imħabba. Il-kitba ta' Rosato kienet iddedikata għall-poplu Malti kollu, billi rsista kemm felaħ biex iqajjem sens nazzjonali u jqawwi l-fidi Nisranija. Id-drammaturgu Bormliż kien ewlieni fl-għarfien tal-kitba teatrali bħala mezz għall-formazzjoni intellettwali u kulturali tal-poplu. Bis-saħħa ta' dan il-ftit tagħrif nistgħu nieħdu idea għala Rosato huwa miżmum b'missier il-palk Malti. Kreditu ieħor li rridu nagħtuh, ukoll jekk hija nieqsa mis-siwi estetiku f'dak iż-żmien bikri tal-poeżija Maltija, huwa li Rosato kien qed iħaddem fih (għax kien f'demmu) il-prinċipju patrijnottiku fl-interpretazzjoni Mazzinjana: *"Senza patria, voi non avete nome, nè segno, nè voto, nè diritti, nè battesimo di fratelli tra i popoli"*.

Naraw x'jikteb il-Profs. Oliver Friggieri fl-**Istorja tal-Letteratura Maltija**, Vol I dwar Wiġi Rosato: "Luigi Rosato (1795-1872) hu versifikatur popolari li jinterpreta s-sentimenti komuni tal-kotra f'versi li, għad li sikwit m'għandhomx il-kwalitajiet ta' wħud mill-għanjiet li ssemmew diġà, iwettqu l-fehma li min matul dan il-perjodu kkompona xi kitba ta' skema metrika kellu l-għan ewlieni li jiddeverti lill-poplu. Ngħidu aħna, *Jekk tafni nfakkrek fija* (misluta minn Għajdut Malti għat-tifkira ta' l-armla Reġina Adelaide...) żżomm il-fil narrattiv għaliex kien sewwa sew dan li riedet l-aktar il-kotra mill-poeta popolari jew estemporanju. Ir-rakkont jitkellem dwar l-imħabba iżda jinħall fi skerz għaliex, kif kienet temmen ukoll il-biċċa l-kbira tal-poplu, il-patetiku u l-komiku donnhom kienu varjazzjonijiet ta' tema waħda" (p. 100).

Fil-fatt din is-silta mill-ktieb ta' Friggieri tagħmel referenza b'saħħitha għal dak li kienet temmen fih il-kotra Maltija ta' żmien Rosato, u fl-istess waqt qiegħda wkoll tistqarr lill-kittieb b'fidil lejn dak li kienet qiegħda tistenna mingħandu l-istess kotra.

Tant kemm kellu l-interess li jilħaq lill-popolin, li kliem bil-Franċiż fit-tieni xena tat-Tieni Att u kliem bl-Ingliż fir-raba' xena tat-Tielet Att ta' **Il-Konġura ta' l-Erba' Ħotbin** huma miktuba kif jinħassu kemm jista' jkun. Per eżempju fis-sitt xena ta' l-aħħar att ta' l-istess ħidma letterarja nsibu l-kelma ***attenscin*** (flok ***attention***). B'kuntrast, **Catarina** hija kollha kemm hija miktuba bil-Malti.

Il-kitba ta' Wiġi Rosato kienet intenzjonata li tqajjem sens nazzjonali, patrijottiku u reliġjuż. F'moħħu dejjem ħares lejn il-kitba bħala mezz biex bih jgħallem lill-poplu. Biex niżnu ftit dal-kliem, fuq naħa nsemmu lil **Catarina** bħala dramm storiku, patrijottiku u bi storja sentimentali, filwaqt li **Il-Konġura ta' l-Erba' Ħotbin** huwa dramm li jagħti gost u jgħallem fl-istss ħin. L-iskop li għalih kiteb id-dramm storiku huwa mistqarr fil-bidu ta' **Catarina**: biex iqiegħed fil-prattika t-tweġiba għall-appell li kien għamel min imexxi **I Revista** (Nru 5) sabiex xi ħadd jagħti widen għall-kitba Maltija. Mill-istess ktejjeb insibu kelmtejn lill-qarrejja (bit-Taljan). Rosato jistqarr il-fehma sublimi tiegħu fil-kitba ta' dan id-dramm b'dedika: ***Alla Nazione Maltese, in segno di dovere e di amore, dedico e consacro.***

Bħal kittieba oħra Maltin ta' kull żmien, Rosato jfakkar in-nawfraġju ta' San Pawl b'76 strofa mitkub c. 1871. Din iġġib l-isem **Il-Konverżjoni tal-Maltin taħt il-Ħâkem ta' Nerone, Konslu ta' Ruma, mogħtija mill-Appostlu Missierna San Pawl...** Kiteb ukoll **Ħames Kuruni li Bihom Nagħtu Qima lill-Missier Tagħna San Pawl...** (li hija kurunella għat-Tridu tal-festa tal-qaddis).

Il-Kanonku Farrugia jikteb f'*Il-Berqa* tat-30 ta' Mejju 1946 li fiċ-ċentinarju ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1865 li sar nhar San Lawrenz f'dik is-sena, Wiġi Rosato ppubblika tifħira lil Malta flimkien ma' **Cantico endecasillabo** ta' Ġan Anton Vassallo. Dan il-ktieb ta' tifkira huwa mitluf.

Hawnhekk ried juri kif seta' jagħti kitba divertenti għall-palk bla ma jippreżenta ġrajja li toffendi. Meta naqraw il-kitba ta' Wiġi Rosato għall-palk nifhmu li din il-kitba tirrifletti 'l fejn kien qiegħed iħabbat il-polz tal-poplu u għalhekk tperreċ fil-livell ta' kultura li kellu l-istess poplu f'dak iż-żmien.

Wiġi Rosato miet fil-għomor ta' 77 sena fid-9.15 a.m. nhar l-1 ta' Settembru 1872 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. B'apprezzament u ġieħ tas-sehem li ta bħala Bormliż, waħda mit-toroq ta' Bormla hija msemmija għalih.

Rosato, Mons. Ludovik Mifsud Tommasi (1796-1879) u Rikkardu Taylor (1818-1865) jiffurmaw tripied importanti fost il-persuni distinti Bormliżi. Filwaqt li l-kitba reliġjuża hija l-komuni bejniethom, il-kontributi distinti tagħhom jiddiversikahom. Insibu li Rosato daħħal l-ilsien Malti fuq il-palk meta qabel qatt ma kien seħħ dan; Mifsud Tommasi kien l-ewwel wieħed li ppreżenta lill-poplu Malti l-kant u t-talb reliġjuż bil-lingwa nativa tiegħu, u Taylor inqeda bil-ġurnaliżmu, bil-lingwi u l-kitba letterarja tiegħu biex jgħallem lill-poplu Malti.

## GĦELUQ

Irrid nagħlaq dwar Wiġi Rosato bil-kliem ta' S.A. Azzopardi mill-artiklu tiegħu li semmejt 'il fuq: "Dak li għidna jagħtina stampa ċara biżżejjed ta' dan ir-raġel Bormliż, li tant ħadem biex idaħħal l-ilsien Malti fit-Teatru. Sa fejn nafu aħna, ħadd qablu ma kien indaħal biex jikteb xi ħaġa ta' din l-għamla u għalhekk ma hemm ħadd li jistħoqqlu aktar minnu t-titlu ta' **Missier il-Palk Malti**".


**Autumn / Winter**

**'98 / '99 Collection**

**Come and visit our showroom and see for yourself!**

190, Naxxar Road,
Birkirkara.
Tel / Fax: 447581



THE LIGHTSHOP
A WORLD OF LIGHT

THE SHOP THAT LIGHTS UP THE TOWN!